# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 2060/98**

**Numru 27**

**Untours Insurance Agency Ltd ghal Qatar Insurance Co kif surrogati fid-drittijiet ta' Paul Azzopardi u l-istess Paul Azzopardi**

**vs**

**Kenneth Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istanti rispettivament is-somma ta' Lm498.96c u Lm150 danni imgarrba in segwitu ghal incident stradali li gara l-Gzira fit-23 ta' Novembru 1997 bejn car Peugeot numru BAH 345 appartenenti lill-istanti Paul Azzopardi u assikurata b'polza comprehensive mill-attur noe l-iehor u

Triumph numru EAN 298 misjuqa mill-konvenut. Previa dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz lill-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes billi l-incident in kwistjoni ma garax tort u htija tal-konvenut izda gara unikament tort u htija ta' Johann Azzopardi s-sewwieq tal-vettura numru BAH 348 li waqt li kien qed isuq dina l-istess vettura minhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat mal-vettura misjuqa mill-konvenut.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat li l-konvenut ma kienx ser jikkontesta l-ammont ta' danni pretiz fl-avviz (Fol 10 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi Johann Azzopardi, bin l-attur, xehed (fol 11 et seq tal-atti) li hu kien qed jsuq ghall-habta tas-6.45p.m. il-karozza numru BAH 348, propjeta' tal-istess missieru, sejjer fid-direzzjoni tal-Gzira minn Tas Sliema. Meta kien vicin il-Pont ta' Manoel Island, hu kien qed jsuq mas-"central strip" waqt li karozza ohra, misjuqa mill-konvenut kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq, mal-bankina, biz-zewg vetturi ma genb xulxin, bil-konvenut "naqra avvanzat minni". Meta spiccat l-istess "centre strip" minghajr ebda sinjal, il-konvenut ghamel 'U turn" sabiex jmur lejn in-naha l-ohra tat-triq u jsuq lejn Tas Sliema. B'din il-manuvra jidher li l-konvenut qasam mix-xellug lejn il-lemin quddiem il-karozza misjuqa mix-xhud. Bhala konsegwenza, ix-xhud, kif kien mahsud, laqat lill-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut "naqra fil-genb ta' wara tal-lemin".

Illi PS 1400 Anthony Farrugia (fol 17 et seq ibid) filwaqt li esebixxa r-rapport u l-skizz relattivi ghal dan l-incident, specifika li hu seta

jaghmel biss "rough sketch" minhabba l-maltemp li kien hemm meta mar fuq il-post. Fir-rapport tieghu, hu sema li bhala konsegwenza ta' dan l-incident, il-karozza misjuqa minn Johann Azzopardi garrbet hsarat <u>fuq quddiem, in-naha tax-xellug</u> waqt li dik misjuqa mill-konvenut kellha hsarat <u>fuq wara fuq in-naha tal-lemin</u> (ara ukoll l-iskizz msemmi a fol 19).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti tieghu, l-<u>konvenut</u> jsostni (fol 25 et seq ibid) li hu kien qed jsuq, akkumpanjat minn martu, il-karozza numru EAN 298 lejn l-Imsida. Pero' hu ddecieda li jmur lura lejn Tas Sliema u ghal dan il-ghan, ried jaghmel "U turn" kif tispicca s-"central stip". Ghalhekk hu waqaf bl-"indicator" u d-dwal mixghulin sakemm ghaddiet karozza ohra gejja mid-direzzjoni ta' Tas-Sliema. Kif kien "hiereg pero', giet karozza ohra minn warajja u tatni daqqa".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'kaz, bhal dan fejn hemm zewg versjonijiet konfliggenti bejniethom, il-Qorti rat jekk kienx hemm xi prova oggettiva u indipendenti mill-partijiet biex tkun tista' tiddeciedi, jekk possibbli, dwar liema versjoni tirrispekkja, fuq basi ta' probabilta', dak li verament gara f'dan il-kaz.

Illi l-Qorti tara li tali prova tissusstisti u tirreferi ghall-hsarat li garrbu l-vetturi involuti. Difatti jekk wiehed jara fejn kienu l-hsarat li gew kagunati fuq il-karozza misjuqa minn Johann Azzopardi l-istess hsarat jidhru li huma kompatibbli mal-versjoni moghtija mill-istess xhud. In rigward il-versjoni moghtija mill-konvenut, il-Qorti kienet tistenna li l-hsarat fuq il-vettura tal-attur kienu jkunu aktar lejn il-lemin fuq quddiem ta' din il-vettura u mhux fuq quddiem u mal-genb tax-xellug.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk jidher li l-versjoni moghtija minn Johann Azzopardi hi kredibbli fid-dawl tal-premess u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imprudenza, negligenza, imperizja, u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-konvenut;

2. tillikwida l-ammont komplessiv ta' danni fis-somma ta' Lm648.96,0;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine is-soma ta’ Lm498.96,0 u lill-attur Paul Azzopardi s-somma ta’ Lm150 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta’ Novembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta‘ Ottubru 1998 imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur